



Il-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-impjegi u r-relazzjonijiet fl-impjegi fl-Ewropa

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Dan ir-rapport jipprovdi analiżi dettaljata tal-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-impjegi u r-relazzjonijiet fl-impjegi tal-forza tax-xogħol fl-impjegi. Impjeg fir-rapport jitqies bħala relazzjoni kuntrattwali bejn min iħaddem u ħaddiem, b'mod speċifiku kif id-drittijiet u d-dmirijiet inkorporati fir-relazzjoni jissarrfu fi drittijiet reali. L-analiżi hija bbażata l-aktar fuq il-ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS), li sar fl-2010. Fejn ikun xieraq isir tqabbil ma' sessjonijiet ta' qabel tal-EWCS.

Ir-rapport għandu erba' objettivi ewlenin:

- li jibni indikaturi għal dimensjonijiet differenti tal-kwalità tal-impjegi;
- li jidentifika sitwazzjonijiet problematiċi jew vantaġġużi dwar il-kwalità tal-impjegi, kif ukoll gruppi ta' ħaddiema li jeħtieġu attenzjoni speċjali;
- li jeżamina l-evoluzzjoni ta' għadd ta' indikaturi magħżulin tal-kwalità tal-impjegi;
- li jinvestiga dwar ir-relazzjoni bejn il-kwalità tal-impjegi u għadd ta' karatteristiċi ta' ħaddiema individwali, l-organizzazzjonijiet li jimpjegawhom, il-karatteristiċi usa' tax-xogħol tagħhom u varjazzjonijiet bejn pajjiżi.

Kuntest tal-politika

Il-politika Ewropea mhix diretta biss għall-għadd tan-nies f'impjeg iżda wkoll għat-titjib tal-kwalità ta' postijiet tax-xogħol bħal dawn. It-titjib tal-kwalità tax-xogħol tingħata prominenza fl-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjegi (Linja Gwida 7) – 'Biex tiżdied fis-suq tax-xogħol il-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel, jitnaqqsu l-impjegi strutturali u tiġi promossa l-kwalità tax-xogħol' – u tagħmel parti wkoll minn 'Aġenda għal ħliet u postijiet tax-xogħol

għodda', waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Skont il-politika tal-UE dwar l-impjegi, rati għolja ta' impjegi u postijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja ma jeskludux lil xulxin: postijiet tax-xogħol ta' kwalità tajba huma kundizzjoni importanti minn qabel biex jitravmu u jinżammu karrieri sostenibbli fix-xogħol, il-motivazzjoni tal-impjegati u l-produttività tal-ħaddiema. Postijiet tax-xogħol ta' kwalità tajba jwasslu wkoll għal anqas mard marbut max-xogħol u anqas aċċidenti okkupazzjonali, u titjib b'mod ġenerali fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Sejbiet ewlenin

- Fl-Ewropa l-proporzjon tal-impjegati b'kuntratti indefiniti (mingħajr limiti) kien ta' 80 % fl-2010, mqabbel ma' 78 % fl-2005 u 83 % fl-2000.
- 5 % biss tal-impjegati fl-Ewropa kienu qed jaħdmu mingħajr kuntratt ta' impjeg fl-2010: din iċ-ċifra kienet ogħla sewwa fost impjegati taħt l-età ta' 35 sena (13 %) u dawk b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni (14 %). Barra dan, għadd ta' pajjiżi kellhom proporzjonijiet bil-wisq ogħla ta' ħaddiema mingħajr kuntratti: it-Turkija (64 %), Ċipru (39 %), il-Greċja (28 %), Malta (27 %), l-Albanija (27 %) u l-Irlanda (24 %).
- 32 % biss tal-impjegati Ewropej fl-2010 irrapportaw prospetti tajbin ta' possibbiltà ta' impjeg (iddefinita bħala l-kapaċità li wieħed jaħseb li jsib post tax-xogħol b'salarju simili jekk wieħed jitlef jew iħalli l-post tax-xogħol tiegħu attwali).
- Ir-riċerka identifikat ħames gruppi ewlenin ta' xogħol. L-ogħla livelli ta' kwalità ta' impjegi jinsabu fil-grupp ta' 'relazzjoni fl-impjegi standard ta' kwalità għolja, li minnhom hemm ħafna fost

impjegati b'livell għoli ta' edukazzjoni, professjonisti u nies tekniċi, ħaddiema f'uffiċċji u maniġers, impjegati fis-settur pubbliku u ħaddiema impjegati f'organizzazzjonijiet kbar.

- L-aktar livelli baxxi ta' kwalità ta' impjegi jinsabu fil-grupp 'prekarju mhux sostenibbli'. Il-maġġoranza tal-ħaddiema f'dan il-grupp huma ħaddiema ta' età iżgħar, nisa ta' età akbar, ħaddiema fil-ħwienet u f'xogħol ta' bejgħ, ħaddiema mingħajr sengħa, impjegati fis-settur agrikolu u impjegati f'organizzazzjonijiet żgħar ħafna.
- M'hemmx differenza kbira fil-kwalità tal-impjegi bejn l-irġiel u n-nisa. Iżda ħaddiema ta' età żgħira għandhom medja aktar baxxa ta' punti ta' kwalità ta' impjieg, u impjegati b'livell ogħla ta' edukazzjoni għandhom ġeneralment kwalità ogħla ta' impjieg, mqabblin ma' dawk li kellhom livell ta' edukazzjoni baxx.
- In-nuqqas ta' sigurtà fix-xogħol tkun irrapportata aktar sikwit minn ħaddiema ta' età iżgħar (21%), ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni (20%), ħaddiema f'xogħol elementari (26%) u ħaddiema fil-manifattura (23%).
- Il-pajjiżi Nordiċi (il-Finlandja, id-Danimarka, l-Isvezja u n-Norveġja) għandhom l-ogħla livelli ta' kwalità ta' impjegi, waqt li pajjiżi tal-Lvant u n-Nosinhar (it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, l-Albanija, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Greċja) għandhom il-livelli l-aktar baxxi.
- Opportunitajiet għall-ħaddiema biex jikkomunikaw mas-superjuri tagħhom dwar kwistjonijiet b'rabta max-xogħol u biex jipparteċipaw biex isolvuhom, jibqgħu baxxi. Anqas minn nofs biss tal-ħaddiema b'salarju fl-UE (45%) jirrapportaw li għandhom rappreżentant tal-impjegati fil-post tax-xogħol tagħhom. Ħaddiema li jirrapportaw li hemm rappreżentant tal-impjegati x'aktarx li jaħdmu f'organizzazzjonijiet akbar u fis-servizz ċivili; dawn jinsabu wkoll l-aktar fost ħaddiema akbar fl-età, b'aktar edukazzjoni u ta' għarfien ta' kwalità għolja fis-sengħa li jaħdmu f'uffiċċji.

- Impjegati f'forom prekarji ta' impjegi jkunu esposti bla bżonn għal ambjenti ħżiena ta' xogħol ġenerali, u jirrapportaw riżultati anqas favorevoli f'dak li għandu x'jaqsam ma' sodisfazzjon, ħila li jibqgħu fl-impjieg, u saħħa u benessri.
- Postijiet tax-xogħol li jmorru lil hinn ħafna mit-tip standard ta' xogħol f'impjieg juru anqas riżultati favorevoli f'dak li għandu x'jaqsam ma' sodisfazzjon mix-xogħol, il-kapaċità li wieħed jagħmel l-istess xogħol sal-età ta' 60, liv minħabba mard u s-saħħa u l-benessri.

Indikazzjonijiet tal-politika

- Ir-riċerka turi l-polarizzazzjoni kontinwa tal-forza tax-xogħol f'ħafna pajjiżi Ewropej, bejn, minn naħa waħda, postijiet tax-xogħol fin-niċċa flessibbli ħafna dwar ħinijiet u ta' ħiliet kbar fis-suq tax-xogħol u, minn naħa oħra, postijiet tax-xogħol fil-parti numerikament flessibbli u ta' ħiliet baxxi b'kontenut fqir ta' xogħol u ħlas baxx. Din il-polarità għandha tkun indirizzata f'politiki ta' impjegi biex tinżamm forza tax-xogħol sostenibbli għal tul ta' żmien.
- Politiki ta' flessibbiltà u sigurtà jeħtiġilhom jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi ta' postijiet tax-xogħol ta' kwalità fqira biex l-impjegati jħossuhom tajbin, f'saħħithom u jkollhom sodisfazzjon mix-xogħol. Jekk din il-kwistjoni ma tkunx ittrattata, mhux biss ikollha konsegwenzi ħżiena għall-produttività tax-xogħol, iżda x'aktarx li tqiegħed f'periklu l-ħila ta' impjegati li jibqgħu fl-impjieg sa età akbar.
- L-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi professjonali u taħriġ kontinwu huma miżuri essenzjali biex tiżdied il-possibbiltà ta' impjieg u b'hekk – permezz tat-titjib tal-aċċess għal kuntratti ta' impjegi – tiżdied il-kwalità tal-impjegi. Minkejja li jeżisti impenn politiku qawwi għal tagħlim tul il-ħajja, nofs biss tal-ħaddiema kollha Ewropej b'salarju ħadu taħriġ fl-2010. Fost in-nisa, ħaddiema akbar fl-età, b'ħiliet aktar baxxi, ħaddiema f'kumpanija żgħira u ħaddiema f'pajjiżi fin-nosinhar u fil-Lvant tal-Ewropa, l-għadd huwa partikolarment baxx. Ħaddiema f'sitwazzjonijiet mhux stabbli u prekarji fi swieq tax-xogħol għandhom ikunu fil-mira bħala prijorità f'inizjattivi ta' taħriġ.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport 'Il-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-impjegi u r-relazzjonijiet fl-impjegi fl-Ewropa' jista' jinkiseb minn <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1367>.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Sophia MacGoris, Assistenta fl-Istħariġ, fuq smg@eurofound.europa.eu.